MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 590/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Helen Giulivo Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm231.11) rappresentanti hlas dovut ghal servizz tat-telefon bin-numru 21488183 (numru tal-klijent CN 287598) skond kif jirrizulta mid-Dokument A anness ma'l-avviz u liema servizz gie installat fil-fond Ent.A, Flat 5, Triq G. Dimech Debono, Binja tas-Salib, B'Kara.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-2 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm231.11), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' April 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------